MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 494/2013

Il-Pulizija

vs

**Stephen Gauci**

iben Joseph, imwieled Pieta', fid-9 ta' Awwissu, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 457377(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Gauci quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-21 ta' Mejju, 2013 ghal habta ta' 1800 hrs waqt li kien gewwa Triq Karlu Darmanin, Mosta:

1. Ingurja u/jew hedded lil martu Daniela Gauci, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazjoni;

2. Hebb ghal martu Daniela Gauci u ikkaguna griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Sarah Henderson MD tal-Mosta Health Centre;

3. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Daniela Gauci biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-

axxendenti, dixxedenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna ohra msemmija fl-artiklu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitou 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Daniela Gauci.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 221(1), 251B(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u ordnat li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni favur Daniela Gauci ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sena. Il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet akkuza u illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stephen Chircop tal-11 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti fl-ismijiet Pulizija vs Stephen Gauci datata 4 ta' Novembru, 2013 fil-konfront tieghu, billi tikkonferma dik il-parti fejn illiberatu mit-tielet akkuza, filwaqt li thassar u tirrevoka dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel zewg akkuzi u imponietlu l-artikolu 412 (c) tal-ligi ghal perjodu ta sena u minflok tilliberah minn dawn l-ewwel zewg akkuzi ukoll.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha taghti affidament lil versjoni moghtija minn dik tal-akkuzat u mhux dik tal-parte civile fil-kaz odjern u dan minhabba bosta fatturi. Minn ezami tal-provi huwa kellu bir-rispett kollu jigi liberat mill-akkuzi kollha. L-Ewwel Onorabbli Qorti semghet liz-zewg partijiet. Il-parte civile, Daniela Gauci, ma kinitx kredibbli fix-xhieda taghha, liema xhieda kienet differenti mill-versjoni moghtija a tempo vergine lill-Pulizija, liema versjoni tirrizulta fl-atti permezz tal-Affidavit ipprezentat mill-Pulizija.

Illi dwar il-griehi li allegatament garrbet il-kwerelanta, hija pprezentat certifikat mediku. Illi fuq ic-certifikat hemm marki zghar fiz-zewg polzijiet. Illi dawn il-griehi ma gewx ikkagunati minnu. Illi huwa fl-ebda hin ma ghamillha dawn il-griehi. Irrizulta mill-provi u mix-xhieda tieghu li huwa warrab id wahda taghha meta hatfilha r-rapport minn idha u fl-ebda hin ma zammilha idejha t-tnejn. Lanqas biss jista' jkun li persuna izzomm idejn it-tnejn ta' persuna ohra meta tahtaf rapport minn idejn il-persuna l-ohra.

Illi x-xhieda moghtija mill-kwerelanta mhiex kredibbli meta tghid li hu zammilha idejha it-tnejn imbaghad hatfilha ir-rapport minn idha. Jirrizulta illi huwa talbilha dan ir-rapport l-ewwel permezz ta’ sms qabel ma rritorna t-tfal lilha. Imbaghad malli wasal bit-tfal, bghat lit-tifla Nicole tghid lil ommha biex tibghat ir-rapport maghha, mat-tifla, ghal missierha. Il-kwerelanta sahansitra tasal biex tigdeb anka fuq haga bhal din meta tghid li t-tifla ma marritx titlobha ir-rapport. Tammetti biss li huwa kien bghatilha sms li pemezz tieghu talabha ir-rapport, qabel ma rritorna lit-tfal.

Il-kwerelanta ma kellhiex ghalfejn tigdeb anka fuq dan il-fatt. Izda din il-gidba taghha tkompli turi kemm ix-xhieda taghha ma kinitx affidabbli u veritiera. Xhud jinqabad li jkun qed jigdeb meta jigdeb fuq haga li ma kellux cans jahseb dwarha bhal kif gara ezatt fil-kaz odjern u ghax minghaliha li din il-gidba setghet tghin lit-tezi taghha. L-imputat sostna bil-gurament tieghu li hu kellu bzonn (oltre d-dritt) jitlobha ir-rapport tal-iskola.

Fl-ewwel lok, kellu jiffirma fuqu ghax iz-zewg genituri huma rikjesti jiffirmaw ir-rapport. Fit-tieni lok il-photocopy li sab fil-baskett ma kienx shih kellu pagna nieqsa u fit-tielet lok huwa kellu appuntament mal-iskola biex jiddiskuti dan ir-rapport mal-ghalliema. Min-naha taghha il-kwerelanta baqghet irrifjutat li tghaddilu r-rapport unikament biex tipprovokah u tkompli taghmillu hajtu infern kif ilha taghmillu fejn jidhlu t-tfal taghhom. Il-kwerelanta tigdeb sfaccatament meta tivvinta li huwa imbuttaha meta hu qatt ma ghamel hekk, liema nuqqas ta’ fatt ikkonfermah bil-gurament tieghu.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant isostni illi huwa kellu jigi liberat mill-akkuzi kollha u mhux mit-tielet akkuza biss stante li hu ma ghamilx dak li gie akkuzat minnu fiz-zewg akkuzi li nstab hati.

Illi b’xorti hazina, il-kwerelanta gidbet fuqu sabiex ikollha provi kontra tieghu fil-kawza tas-separazzjoni. Ma kellux ghalfejn jinqala’ ebda argument fuq rapport tal-iskola.

(Illi hija uzat skuza ta’ rapport tal-iskola bhala okkazjoni biex tivvinta fuqu, stante li din is-sena stess pprezenta rikors biex it-tfal ma jibqghux jghixu maghha u ftit xhur qabel il-kaz giet imqabbda social worker  dwar fatt li t-tfal kixfu li l-partner ta’ omm il-minuri kien qed ikun vjolenti maghhom u fil-fatt il-Qorti tal-Familja ordnat illi t-tfal jghixu tlett ijiem ma kull

genitur u kien hemm kawza kriminali fil-konfront tal-partner taghha fejn Charlo Farrugia obbliga ruhu li ma jwegghax lill-minuri. Illi din kienet ir-raguni ghalfejn il-kwerelanta ghazlet li tmur taghmel rapport kontra zewgha l-Ghassa u takkuzah li weggaghha meta hatfilha rapport tal-iskola tat-tifla minn idha).

Illi l-versjoni moghtija mill-parte civile meta xehdet kienet differenti minn dik li tat lil Pulzija a tempo vergine u dan peress illi meta xehdet qalet li Stephen Gauci zammilha idejha t-tnejn u b'hekk weggaghha mentri lill-Pulizja qaltlu li kien rewielha idejha, dan jirrizulta mill-affidavit tal-Pulizja. Huwa la zammilha idejha u weggaha u lanqas qatt f'xi mument rwielha idejha.

Illi mill-provi prodotti huwa kellu jigi lliberat ukoll mill-ewwel akkuza stante li din ma rrizultatx mix-xhieda moghtija minnha stess.

Illi mhux gust li gie ukoll impost l-artikolu 412(c ) tal-Kodici Kriminali fuqu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li l-ewwel Qorti kellha taghti affidament lill-versjoni li hu ta lil dik il-Qorti u tiskarta l-versjoni ta' Daniela Gauci.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li jisma x-xhieda mill-gdid peress illi hi prassi, li din il-Qorti ma tikkondividix li x-xhieda moghtija fil-kawzi sommarji ma jigux traskritti. Kwindi din il-Qorti jkollha tisma' mill-gdid il-provi prodotti b'perikolu reali li l-versjoni moghtija quddiem l-ewwel Qorti tkun b'xi mod differenti minn dik moghtija fit-tieni stanza.

Illi din il-Qoti fliet bir-reqqa x-xhieda li semghet. Minnha jirrizulta li ma hemm ebda dubju li l-appellant 'ex admissis' uza kliem mhux xieraq fil-konfront ta' Daniela Gauci u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tilqa l-aggravju ta' l-appellant f'dan ir-rigward.

Illi ghal dak li irrigwarda l-feriti li garrbet Daniela Gauci l-appellant espona lil din il-Qorti t-tezi tieghu li hu b'ebda mod ma seta' jaghmel dawk il-feriti. Din il-Qorti min-naha l-ohra hi tal-fehma li l-feriti li garrbet Daniela Gauci zgur li ma kienux 'self inflicted' u ta' dan hemm certifikat mediku li jgib l-istess data ta' l-incident meritu ta' dan l-appell. Din il-Qorti temmen il-versjoni moghtija minn Daniela Gauci u taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal piena. Dwar l-istess piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' ammenda ta' hamsin euro (€50). Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u tordna lil Stephen Gauci biex ma jimmolestax lil Daniela Gauci ghal zmien sena taht penali ta' elfejn euro (€2,000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------